**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-31 ta' Jannar, 2020**

**Talba Numru: 235/2019 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 40**

**GO plc (C22334)**

**Triq Fra Diegu**

**Marsa**

**Vs**

**Francis Xavier Curmi (K.I. 10066M)**

**108, Triq Santa Lucia**

**Valletta**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba tas-socjeta' attrici pprezentat fid-29 ta' Awwissu 2019 li permezz tieghu talbet li l-konvenut jigi ordnat ihallasha s-somma ta' elf sitt mija u tlettax-il ewro u disgha u tletin centezmu (€1,613.39c) in kwantu ghal seba' mija u tmintax-il ewro u tnejn u tmenin centezmu (€718.82c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont numru 40405565, hames mija u tlieta u sebghin ewro u hamsa u sittin centezmu (€573.65c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40013942 u tlett mija u ghoxrin

ewro u tnejn u disghin centezmu (€320.92c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40442061.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data tal-ewwel seduta quddiem dan it-Tribunal.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament imsejjah baqa' ma deherx ghas-seduta u lanqas kkontesta t-talbiet attrici.

Semgha x-xhieda tar-rapprezentanza tas-socjeta' attrici tikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra s-subizzjoni tas-socjeta' attrici.

Ra li l-konvenut rega ma deherx ghas-seduta tal-lum u li wara li rega semgha lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tikkonferma li l-ammont ghadu kollu dovut il-kawza giet deciza.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jordna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sitt mija u tlettax-il ewro u disgha u tletin centezmu (€1,613.39c) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**